MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2015

Numru 1190/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Walid Ben Muftah**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Walid Ben Muftah, ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, imwieled Tripoli fis-17 ta' Awwissu 1991, bin Farag u Fatima neè Okor, residenti f'post mhux maghruf f'Birzebbugia, detentur ta' Laissez Passer Numru 991/2014, talli nhar it-2 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tas-saghtejn neqsin ghoxrin ta' filghodu (01:40hrs) gewwa Hilton Hotel, f'San Giljan u/jew fil-vicinanzi, flimkien ma' persuni ohra:-

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, apparat elettroniku, dokumenti u xi oggetti ohra, liema serq hu izjed minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin;
2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi laqa' ghandu jew xtara hwejjeg li kienu misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom a tenur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Talli kkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat A.J. Vella LL.D. fid-29 ta' Novembru 2014;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta ma' l-imputat bhala recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta huwa kien gie misjub hati w ikkundannat ghal reati b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi;
Rat l-ezami ta' l-imputat[1] fejn wiegeb li ma huwiex hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Rat id-dokumenti w oggetti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014, markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 7 sa' 18 tal-process u Dok. "GV1" sa' Dok. "GV4";

Rat li b'Digriet moghti fis-7 ta' Jannar 2015[2] il-Qorti ordnat korrezzjoni f'isem l-imputat fis-sens illi minflok "Mufta Walid Ben" jigi jaqra "Walid Ben Muftah" u korrezzjoni fid-data tat-twelid ta' l-imputat fis-sens illi minflok 19 ta' Awwissu 1991 tigi taqra 17 ta' Awwissu 1991;

Rat li b'Digriet moghti fis-7 ta' Jannar 2015[3] gew nominati l-Avukat Dottor Martin Bajada bhala Espert Tekniku ghall-fini li janalizza l-filmati tas-CCTV cameras esebiti a fol. 59 tal-process u johrog l-istills relattivi li huma rilevanti ghall-kaz in ezami u Joseph Mallia bhala Espert ta' l-Impronti Digitali sabiex jiehu l-impronti digitali ta' l-imputat u jikkomparahom mal-lifters esebiti mar-Relazzjoni ta' PC 650 Justin Tabone;

Rat li waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2015 l-Espert Joseph Mallia fil-presenza tal-Qorti u tal-Prosekuzzjoni ha l-impronti digitali ta' l-imputat u irtira mill-process kemm l-impronti digitali ta' l-imputat – minnu stess dakinhar mehuda – kif ukoll il-lifters annessi mar-Relazzjoni ta' PC 650 Justin Tabone. Rat li ghalkemm l-imputat ma kienx assisstit waqt l-imsemmija seduta, l-istess imputat kien iddikjara – qabel ma ttiehdulu l-impronti digitali – li ma kellux oggezzjoni li jittiehdu l-impronti digitali fil-assenza ta' l-Avukat Difensur tieghu;

Rat in-Nota ta' Rinviju ta' l-Avukat Generali datata 27 ta' April 2015 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) L-Artikolu 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) L-Artikolu 261(a), (b), (c), (f), 262, 263, 267, 270, 276, 277(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) L-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) L-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) L-Artikoli 49, 50 u 289(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) L-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Ezami tat-2 ta' Dicembru 2014 a fol. 4 tal-process u ezami tas-26 ta' Marzu 2015.
[2] Fol. 63 tal-process.
[3] Fol. 63 u 64 tal-process.

Rat li waqt is-seduta tat-30 ta' April 2015 inqraw l-Artikoli u li wara li l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk ghandux oggezzjoni illi l-kawza tieghu titmexxa bi procedura sommarja, huwa ddkjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;
Semghet ix-xhieda ta' Khawla Otman[4] u ta' Abdul Salam Elghrami[5] moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014, ix-xhieda ta' l-Ispettur Trevor Micallef moghtija waqt is-seduti tad-9 ta' Dicembru 2014[6], tas-7 ta' Jannar 2015[7] u tas-26 ta' Marzu 2015[8] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "TM" a fol. 96 tal-process, semghet ix-xhieda ta' PS 750 Terry James Mallia[9], PC 1269 Louis Tabone[10], PC 1045 Noel Carabott[11], Darren Camilleri[12] u ta' Etienne Borg[13] moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2014 u rat id-dokumenti esebiti minn Etienne Borg markati Dok. "GV6" sa' Dok. "GV9" a fol. 59 u 60 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-Ispettur Darren Buhagiar[14] u ta' PS 650 Justin Tabone[15] moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2015 u rat id-dokument, ossia Relazzjoni, esebit minn PS 650 Justin Tabone markat Dok. "JT" a fol. 65 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku l-Avukat Dottor Martin Bajada moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2015[16] u rat ir-Relazzjoni tieghu minnu esebita waqt l-imsemmija seduta a fol. 104 sa' 119 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-Espert ta' l-Impronti Digitali Joseph Mallia moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar 2015[17] u rat ir-Relazzjoni esebita minnu waqt l-imsemmija seduta a fol. 124 sa' 133 tal-process u semghet ix-xhieda ta' l-Ispettur Carol Fabri moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar 2015[18] ;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni a fol. 146 sa' 148 tal-process u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-imputat a fol. 149 u 150 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli nhar it-2 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tas-saghtejn neqsin ghoxrin ta' filghodu (01:40hrs) gewwa Hilton Hotel, f'San Giljan u/jew fil-vicinanzi, flimkien ma' persuni ohra:- (i) ikkommetta serq ta' flus kontanti, apparat elettroniku, dokumenti u xi oggetti ohra, liema serq hu

[4] Fol. 19 sa' 23 tal-process.
[5] Fol. 24 sa' 36 tal-process.
[6] Fol. 39 u 40 tal-process.
[7] Fol. 100 tal-process.
[8] Fol. 142 tal-process.
[9] Fol. 41 sa' 43 tal-process.
[10] Fol. 44 sa' 47 tal-process.
[11] Fol. 48 u 49 tal-process.
[12] Fol. 50 sa' 53 tal-process.
[13] Fol. 54 sa' 59 tal-process.
[14] Fol. 97 u 98 tal-process.
[15] Fol. 99 tal-process.
[16] Fol. 103 tal-process.
[17] Fol. 121 u 122 tal-process.
[18] Fol. 123 tal-process.

izjed minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin; (ii) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi laqa' ghandu jew xtara hwejjeg li kienu misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom a tenur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; u (iii) talli kkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat A.J. Vella LL.D. fid-29 ta' Novembru 2014. Il-Prosekuzzjoni takkuza lill-imputat li huwa recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu huwa gie misjub hati u ikkundannat ghal reati b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi, u ghalhekk titlob lill-Qorti biex tittratta mieghu *qua* recediv.

L-imputat wiegeb li huwa mhux hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Ix-xhieda principali tal-Prosekuzzjoni in sostenn ta' l-akkuzi taghha fil-konfront ta' l-imputat huma Khawla Otman u zewgha Abdul Salam Elghrami, l-allegati vittimi, l-Ispettur Trevor Micallef, PS 750 Terry James Mallia, PC 1269 Louis Tabone u PC 1045 Noel Carabott, l-ufficjali involuti fl-investigazzjoni tal-kaz u fl-arrest ta' l-imputat dakinhar tat-2 ta' Dicembru 2014, Darren Camilleri, security officer fil-Hilton Hotel, Etienne Borg, Chief Security fil-Hilton Hotel, u l-Ispettur Carol Fabri, stazzjonata l-Ghassa tal-Pulizija San Giljan.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li dakinhar tat-2 ta' Dicembru 2014, ghall-habta tas-1:40a.m., waqt li kienu reqdin fil-kamra tas-sodda tas-Suite Room 455 fil-Hilton Hotel, San Giljan, Abdul Salam Elghrami u martu Khawla Otman semghu xi hssejjes gejjin mis-salon tas-Suite u meta Abdul Salam Elghrami qam u mar fis-salon biex jara x'kien il-hoss ra tlieta min-nies jaharbu mill-kamra, senjatament mill-gallarija tal-kamra. Il-vittimi jikkontendu li nsterqulhom diversi affarijiet, senjatament zewg nuccalijiet, wiehed tal-marka Carrera u l-iehor tal-marka Fendi li kellu lenti minnhom imkissra, laptop tad-ditta Lenovo Thinkpad T440, madwar €4,300 fi flus kontanti, portafol li kien fi xi flus, credit cards u xi cards ohra u passaport. Ghalkemm ittiehdulhom xi hwejjeg u zraben ta' Elghrami dawn instabu iktar tard fil-gonna tal-hotel. Elghrami u Otman irrappurtaw l-akkadut lis-security tal-Hotel li a loro volta rrappurtaw lill-Pulizija w in segwitu ghal tfittxijiet li ghamlu kemm is-security kif ukoll il-Pulizija gie arrestat l-imputat li nstab bilqieghda fuq bankina quddiem Champs Pastizzeria, fi Triq San Gorg, Paceville. Dakinhar l-imputat kien liebes gakketta hamra u berritta safra u fil-hin ta' l-arrest pussess tieghu instabu zewg nuccalijiet, wiehed tad-ditta Carrera u l-iehor tad-ditta Fendi li ghandu lenti miksura, liema nuccalijiet sussegwentement, ossia fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-vittimi gharfuhom bhala taghhom.

Kif già iktar 'l fuq osservat l-imputat kategorikament jichad li kien b'xi mod involut fl-allegata serqa li sehhet minn gewwa Suite Room 455 fil-Hilton Hotel a dannu ta' Abdul Salam Elghrami u martu Khawla Otman, tant illi wiegeb li ma huwiex hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu[19] l-imputat jikkontendi li ghandu jigi liberat mill-akkuzi kollha dedotti kontrih peress illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju ragonevoli in kwantu hija tistrih esklussivament fuq *circumstantial evidence*. Fir-rigward l-imputat issottoetta illi *l-Prosekuzzjoni fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha qieghda tistrih fuq dak li tghid hija l-prova regina fejn tallega li Abdalsalam Ali Elmrghani identifika lill-akkuzat u li l-Pulizija sabu xi oggetti fuq il-persuna tieghu. L-akkuzat ma giex identifikat ghax l-unika haga li gharaf il-vittima kienet il-beritta li bir-rispett kollu m'ghandhiex tkun il-prova li wiehed ikun cert sal-grad rikjest mill-Ligi u li tkun giet ipprovata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u li huwa sufficenti biex tinsab il-htija. Certament setgha kien hemm zghazagh ohra libsin beritta f'Paceville fl-istess lejl u certament jekk il-vittma kien jkun iffaccjat b'iktar minn zghazugh wiehed liebes beritta ma kienx ikun f'posizzjoni li jidentifika minn kien fil-fatt il-persuna li kien dahal fil-kamra. Il-Prosekuzzjoni tqis prova regina wkoll li instabu fuq il-persuna li kien akkuzat zewg nuccalijiet. Fl-ewwel lok ma ngab ebda prova li dawn in-nuccalijiet kienu fil-fatt tal-vittma jew li fil-fatt kienu originali ta' xi ditta ghax ma gie pprezentat l-ebda ricevuta f'dan rigward u fil-fatt l-akkuzat isostni li dawn kienu tieghu. Di più il-vittma tghid li dawn in-nuccalijiet kienu ta' xi ditta u b'hekk kienu jiswew izjed minn nuccali normali però dan ma giex ipprovat u fil-fatt dawn in-nuccalijiet setghu kienu anke fake u b'hekk ma jiswewx hafna flus. Minn jallega jrid jipprova u f'dan il-kaz ma giex ipprovat xejn la b'mod dirett u lanqas b'mod indirett kontra l-akkuzat. Illi ghal dawn ir-raguni il-Prosekuzzjoni ma rnexielhiex tipprova l-akkuzi fil-konfront ta' l-akkuzat ghax qieghda tistrih purament fuq il-fatt illi l-akkuzat kien liebes beritta. Dan huwa circumstantial evidence li bl-ebda mod ma jistghu jkunu sufficjenti sabiex tinstab htija fil-kamp kriminali ghax jekk hemm dubju, li fil-kaz odjern jidher car illi jezisti dubju serju, dan dejjem ghandu jmur favur l-akkuzat u b'hekk l-akkuzat ghandu jigi liberat mill-akkuzi kollha.*

Ghalkemm huwa veru li fil-kaz in ezami l-identifikazzjoni ta' l-imputat bhala wiehed mill-persuni li kkommetta s-serqa a dannu ta' Abdul Salam Elghrami u martu Khawla Otman hija bbazata principalment fuq dak li kien liebes dakinhar tat-2 ta' Dicembru 2014 u fuq il-fatt li fil-hin li gie arrestat instabu fil-pussess tieghu zewg nuccalijiet, wiehed tad-ditta Carrera u l-iehor tad-ditta Fendi li kellu lenti miksura u ghalkemm huwa principju stabbilit li *l-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija ta' l-akkuzat oltre kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli l-Prosekuzzjoni tigi kkunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u*

[19] Fol. 149 u 150 tal-process.

*ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera*[20], huwa principju daqstant iehor stabbilit illi *huwa veru li l-ligi tirrikjedi l-ahjar prova, però b'daqstant ma teskludix l-ammissibilità ta' provi sekondarji specjalment meta dawn ikunu l-unici provi disponibbli jew huma intizi biex jsahhu l-ahjar prova* u li *huwa dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat, u dan permezz ta' provi jew diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant*[21].

Meta l-Qorti ghandha quddiemha provi li huma principalment provi cirkostanzjali trid izzomm f'mohha s-segwenti principji: *provi cirkostanzjali huma bhal katina, li tintrabat minn tarf sa' tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma' xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni*[22] u li *l-provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioè mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss*[23].

Fil-kaz in ezami mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li dakinhar ta' l-allegata serqa meta Abdul Salam Elghrami hareg fis-salon tas-Suite li kien qed jalloggja fiha u minn fejn kienu gejjin il-hsejjes, ra *somebody trying to jump and I tried to catch something to jump but there is a height. I saw one black and another two.* Mistoqsi *the three persons that you saw, did you see the face of anyone of the?* Elghrami rrisponda *yes, but not hundred percent exactly, but I saw the face.* U mistoqsi ulterjorment *and can you recognise anyone in this room who could have been any one of the three individuals?* Elghrami rrisponda ***the one with the red jacket because he was the last one who jumped***[24] u dana b'referenza ghall-imputat. In kontro-ezami mistoqsi mill-gdid mill-Qorti *so you saw him wearing the jacket he is wearing now?* Elghrami rrisponda *yes it was* u mistoqsi ulterjorment mid-Difiza *so you are identifying him from the jacket not from anything else?* Elghrami rrisponda *I see his eyes* u ghad-domanda *How long did you have contact with him?* Elghrami rrisponda *I do not know, maybe a few seconds* u ikkonfrontat ulterjorment mid-Difiza bid-domanda *but you are confirming to the court that it was this gentleman who was on your balcony last night because from his jacket?* Elghrami insista *No also from his face* u ghad-domanda *not from his hair but from his face?* huwa rrisponda *yes from his face.* ***He was wearing a cap on his head***[25]. In ri-ezami Elghrami spjega li

[20] Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' April 2003.
[21] Pulizija v. Charles Sciberras, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-15 ta' Marzu 2001 u Pulizija v. Richard Calleja, deciza mill-Qorti tal-Magisrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' Frar 2014.
[22] Il-Pulizija v David Gatt, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Gunju 1988, Pulizija v. Charles Sciberras, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-15 ta' Marzu 2001 u Pulizija v. Richard Calleja, deciza mill-Qorti tal-Magisrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' Frar 2014.
[23] Pulizija v. Lee Borg, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' Gunju 1988, Pulizija v. Charles Sciberras, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-15 ta' Marzu 2001 u Pulizija v. Richard Calleja, deciza mill-Qorti tal-Magisrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' Frar 2014.
[24] Enfasi tal-Qorti.
[25] Enfasi tal-Qorti.

***it was a yellow cap***[26] u muri l-berritta li kellu f'rasu l-imputat fil-hin li gie arrestat, liema berritta giet esebita u markata Dok. "GV4", Elghrami stqarr ***yes, I will recognise it. Yes that is the cap he was wearing. Yes that was it, I am recognising it***[27].
Darren Camilleri, Security Officer il-Hilton Hotel, iddikjara li wara li giet irrappurtata s-serqa minn Elghrami *mort indur dawra mal-pool area u mill-boghod bdejt nara tlieta fuq il-blat jigifieri fejn ghandna l-Mercanti, u dawn qishom bdew jiggieldu jew jilletikaw imma ma nafx ezatt xi bdew jaghmlu. Cempilt lil shabi ta' Portomaso li jahdmu mal-Marina u qabdu gejjin minn mal-Marina ghal fuq il-blat u kif rawhom kien hemm security minn Portomaso li ghajjat, u telqu jirgu.* Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni *issa inti rajt xi wiehed minnhom u qed taghraf lil xi wiehed minn dawn?* Darren Camilleri irrisponda ***jiena rajt wiehed b'gakketta hamra u berritta safra***[28] u muri il-berritta esebita bhala Dok. "GV4" Camilleri ikkonferma li dik kienet il-berritta li ra u rribadixxa ***jiena li gharafu mill-gakketta hamra u berritta safra***[29]. Hekk kif is-Security bdew jigru wara dawn it-tlieta min-nies, skond kif xehed Camilleri, inqassmu gewwa c-centru ta' Paceville u kien biss wara li l-imputat gie arrestat li Camilleri rah fil-karozza tal-Pulizija ghaliex ***gharaft il-gakketta u l-berritta***[30].

Etienne Borg, Chief Security il-Hilton Hotel, iddikjara li mill-CCTV cameras tal-Hotel *irrizulta li dahlu tliet persuni min-naha tal-bahar, fittxew fil-gallarijiet kif stajt nifhem jiena u bdew ifittxu ghal xi bieb miftuh u baqghu sejrin ghal wara sakemm irnexxielhom sabu gallarija miftuha. ... Ghandi c-CCTV qeghdin mieghi u li rajt fuq ic-CCTV li bdew min-naha tas-South Wing, kif insibuha, li tigi n-naha tal-Marina ta' Portomaso u bdew mexjin gallarija gallarija jidhru fil-filmati qisu bniedem qed jitbaxxa, biex jara jekk hemmx xi haga fil-kamra. ... l-ewwel filmat* [esebit bhala Dok. "GV6"] *jidhru dehlin tlieta min-nies jidhru jduru gol-gallariji u jidhru jfittxu gol-kmamar qishom minn barra biex jaraw x'hemm. Imbaghad jidhru li baqghu sejrin min-naha l-ohra tal-lukanda li ahna nsibuha bhala l-Herbal Garden u hemmhekk apparentement sabu gallarija miftuha. ... L-ewwel DVD* [ossia Dok. "GV6"] *jidhru hafna n-nies izjed mill-ohrajn. ...* ***Kien hemm xi hadd b'gakketta hamra u bil-berritta***[31].

PS 750 Terry James Mallia, is-Surgent mill-Ghassa ta' San Giljan li investiga dan il-kaz, xehed illi huwa ra l-*footage* tal-CCTV cameras tal-Hilton Hotel u *fil-cameras kien jidher li kien hemm tlieta min-nies,* ***wiehed minnhom kien liebes gakketta hamra u kappell isfar***[32]*, li kien jidher 'l boghod imma kien jidher, u t-tnejn ohra mieghu.* ***Wara li rajna l-cameras jiena inzilt l-Ghassa fejn kien il-persuna ta' Walid li kien qieghed***

26 Enfasi tal-Qorti.
27 Enfasi tal-Qorti. Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014, fol. 24 sa' 36 tal-process.
28 Enfasi tal-Qorti.
29 Enfasi tal-Qorti.
30 Enfasi tal-Qorti. Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2014, fol. 50 sa' 53 tal-process.
31 Enfasi tal-Qorti. Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2014, fol. 54 sa' 58 tal-process.
32 Enfasi tal-Qorti.

***bilqieghda gewwa l-Ghassa u rajtlu l-gakketta u l-kappell l-isfar li kien liebes dak il-hin***[33]. Mistoqsi *u dan il-persuna li kien bil-gakketta l-hamra u l-kappell l-isfar min hu?* PS 750 irrisponda ***l-imputat***[34].

PC 1269 Louis Tabone, li kien wiehed miz-zewg kuntisabbli li arresta lill-imputat dakinhar tat-2 ta' Dicembru 2014, iddikjara li fit-*2 ta' Dicembru 2014 … ircevejna telefonata gewwa l-Ghassa ta' San Giljan ghall-habta tas-saghtejn neqsin ghoxrin (01:40hrs) ta' filghodu li kien hemm serqa gewwa kamra gewwa l-Hilton Hotel li tinsab fi Triq il-Knisja.* ***Kif wasalna fuq il-post sibna security li qalilna li kien hemm wiehed li kien liebes berritta safra u gakketta hamra***[35]. *… Jismu Darren Camilleri li qalilna li kien* ***liebes gakketta hamra u berritta safra ghaliex rah sejjer jigri u gera warajhom u ma lahaqhomx però huma kienu tlieta, izda wiehed indikalna x'kien liebes***. ***Ghamilna diversi patrols fit-toroq ta' Paceville u f'hin minnhom rajnih fi Triq San Gorg fuq il-bankina fejn hemm ic-Champ Pastizzeria. … Lil dak li kien liebes berritta safra u gakketta hamra u nzilna ghalih wiehed minn wara u l-iehor minn quddiemu biex ma jaharbilniex***[36]. *… Meta inzilna l-Ghassa bih sibnilu fuqu tmenin Euro (€80), pakkett sigaretti u* ***zewg nuccalijiet li kienu fil-gakketta u wiehed minnhom kien imkisser***[37]. *… Wiehed minnhom nahseb li kien tad-ditta Carrera jekk minix sejjer zball. Qed nara n-nuccalijiet* [esebiti bhala Dok. "GV1" u Dok. "GV2"] *u fil-fatt qed nara li wiehed huwa Carrera li huwa dan u l-iehor kien imkisser li huwa dan.* Muri il-berritta esebita bhala Dok. "GV4" PC 1269 gharafa bhala l-berritta li kien liebes l-imputat meta gie arresttat minnu u minn PC1045[38].

PC 1045 Noel Carabott xehed illi *fit-2 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tas-saghtejn neqsin ghoxrin (01:40 hrs) ta' filghodu dahlitilna telefonata li giet misruqa karma gewwa l-Hilton Hotel. Jiena, PC 1269 u PS 750 s-Surgent, tlajna fuq il-post u kif wasalna hemmhekk iltqajna mas-security Darren Camilleri li qalilna li kienu tliet persuni* ***li wiehed minnhom kien liebes gakketta hamra u berritta safra***[39]. *Jiena u PC 1269 morna ghamilna rondi lejn in-nahat ta' Paceville bil-karrozza u* ***faccata tac-Champ Pastizzeria gewwa Triq San Gorg ilmahna persuna b'gakketta hamra u berritta safra, ahna waqqafna l-persuna, kellimnieh u ghednilu biex jinzel maghna l-Ghassa. Qabel inzilna l-Ghassa gheddejna fejn il-Hilton u ergajna ltqajna mas-security Darren Camilleri fejn staqsejnieh jekk jagharfx il-persuna u qalilna, "iva naghrfu." Kif inzilna l-Ghassa ghamilnilu search u fuq il-persuna tieghu sibna zewg nuccalijiet bil-case taghhom li wiehed***

[33] Enfasi tal-Qorti.
[34] Enfasi tal-Qorti. Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2014, fol. 41 sa' 43 tal-process.
[35] Enfasi tal-Qorti.
[36] Enfasi tal-Qorti.
[37] Enfasi tal-Qorti.
[38] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2014, fol. 44 sa' 47 tal-process.
[39] Enfasi tal-Qorti.

***minnhom kien imkisser***[40]. Muri n-nuccalijiet in kwistjoni, ossia Dok. "GV1" u Dok. "GV2" ikkonferma li huma n-nuccalijiet li nstabu fil-pussess ta' l-imputat fil-hin ta' l-arrest. Ghall-mistqosija tal-Qorti *meta tghidli arrestajtu dan il-persuna bil-gakketta hamra u kappell isfar ghal min qed tghid?* PC 1045 Noel Carabott irrisponda *ghall-persuna li qieghda fl-Awla*[41].
Kemm Khawla Otman kif ukoll zewgha Abul Salam Elghrami kkonfermaw li n-nuccalijiet esebiti bhala Dok. "GV1" u Dok. "GV2" huma n-nuccalijiet taghhom. Khawla Otman in risposta ghall-mistoqsija tal-Prosekuzzjoni *ha nurik xi oggetti u ghidilna jekk taghrafhomx dawn l-affarijiet? Iftahhom u ara hux tieghek l-affarijiet?* iddikjarat *Yes, these are our sunglasses ... this is my husband's sunglasses and this is mine*[42] u zewgha mistqosi mill-Qorti *now I am going to show you these two items* [ossia Dok. "GV1" u Dok. "GV2"] *can you open the cases see what there is inside and tell me if you recognize them?* irrisponda *I'm hundred percent sure that this is mine, this is from Milano* u in risposta ghall-mistqosija ulterjuri tal-Qorti *and the other item, can you tell me what it is?* irrisponda *it's the Fendi of my wife which we bought together*[43].

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ghalhekk jirrizulta li wiehed mit-tlett persuni li dahlu fis-Suite ta' Khawla Otman u zewgha Abul Salam Elghrami gewwa l-Hilton Hotel kien **liebes gakketta hamra u berritta safra** u li fost l-affarijiet li nsterqulhom kien hemm zewg nuccalijiet, **wiehed tad-ditta Carrera u l-iehor tad-ditta Fendi li kellu lenti minnhom imkissra** u li dakinhar li l-imputat gie arrestat mill-Pulizija in segwitu ghar-rapport tas-serqa kien **liebes gakketta hamra u berritta safra** u **fil-pussess tieghu kellu zewg nuccalijiet wiehed tad-ditta Carrera u l-iehor tad-ditta Fendi li kellu lenti minnhom imkissra.** Il-Prosekuzzjoni ghalhekk mhux qed tibbaza l-kaz taghha semplicement fuq il-fatt li l-imputat kien liebes berritta safra, kif affermat mill-imputat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu, izda qed tibbaza l-kaz taghha kontrih fuq ferm iktar elementi minn hekk u cioè li kien liebes **gakketta hamra u berritta safra** – l-istess indumenti li kellu wiehed mill-hallelin – u fil-pussess tieghu kellu zewg nuccalijiet, u **mhux kwalunkwe zewg nuccalijiet izda nuccali tad-ditta Carrera u nuccali tad-ditta Fendi, li addirittura kellu wahda mill-lenti mkissra** – ossia l-istess nuccalijiet li l-vittimi ddikjaraw li kienu taghhom li nsterqulhom mis-Suite taghhom dakinhar tat-2 ta' Dicembru 2014.

Fil-fehma tal-Qorti u kuntrarjament ghal dak pretiz mill-imputat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu, dawn huma fatti debitament ippruvati mill-Prosekuzzjoni li jikkostitwixxu l-katina li tintrabat minn tarf sa' tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma' xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni u cioè li l-imputat kien wiehed mit-tlett persuni li dakinhar tat-2 ta' Dicembru 2014 ghall-habta ta' 1:40a.m. dahlu fis-Suite Room 455 okkupata minn Abdul Salam Elghrami u martu Khawla Otman u minn hemm serqu numri ta' oggetti

[40] Enfasi tal-Qorti.
[41] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2014, fol. 48 u 49 tal-process.
[42] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014, fol. 19 sa' 23 tal-process.
[43] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014, fol. 24 sa'36 tal-process.

fosthom appuntu in-nuccalijiet li nstabu fuq il-persuna tieghu meta gie arrestat mill-Pulizija.

Ghalkemm l-imputat instab biss fil-pussess taz-zewg nuccalijiet tal-vittimi u mhux ukoll ta' l-oggetti l-ohra, b'daqshekk ma jfissirx li ma ghandux jinstab hati ta' l-akkuza ta' serq bl-aggravji kif moghtija mill-Prosekuzzjoni ghar-raguni li rrizulta li:

- Il-hallelin, inkluz l-imputat, kienu tlieta w allura jissussisti l-aggravju tal-vjolenza a tenur ta' l-Artikolu 262(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Id-dhul ghal gos-Suite Room 455 minn fejn sehhet is-serqa sehh bi skalata w allura jissussisti l-aggravju tal-mezz a tenur ta' l-Artikolu 263(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fost l-oggetti misruqa, apparte n-nuccalijiet li l-Qorti m'ghandhiex dubbju li huma originali u mhux *fake* kif allegat mill-imputat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu, hemm is-somma ta' €4,800 fi flus kontanti u laptop tad-ditta Lenovo Thinkpad T440 li jiswa madwar 2,500 Sterlina w allura jissussisti l-aggravju tal-valur a tenur ta' l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- Is-serqa sehhet kmieni filghodu w allura jissussisti l-aggravju tal-hin a tenur ta' l-Artikolu 270 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-imputat ghandu jinstab hati ta' l-ewwel akkuza dedotta kontra tieghu u cioè li nhar it-2 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tas-saghtejn neqsin ghoxrin ta' filghodu (01:40hrs) gewwa Hilton Hotel, f'San Giljan u/jew fil-vicinanzi, flimkien ma' persuni ohra kkommetta serq ta' flus kontanti, apparat elettroniku, dokumenti u xi oggetti ohra, liema serq hu izjed minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin a tenur ta' l-Artikoli 261(a),(b),(c) u (f), 262(b), 263(a), 267 u 270 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda t-tieni akkuza dedotta kontra l-imputat, u cioè l-akkuza tar-reat ta' ricettazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li din l-akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza dedotta kontra l-imputat u ghaldaqstant, fid-dawl tal-konkluzzjoni raggunta dwar il-htija ta' l-imputat fir-rigward ta' l-ewwel akkuza dedotta kontra tieghu, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

L-imputat qed jigi akkuzat ukoll talli kkommeta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Anthony Vella fid-29 ta' Novembru 2014, a tenur ta' l-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni senjatament mill-vera kopja tas-sentenza imsemmija esebita a fol. 96 tal-process u mix-xhieda ta' l-Ispettur

Carol Fabri moghtija waqt is-seduta tad-29 ta’ Jannar 2015[44], jirrizulta li appuntu b’sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Anthony Vella fid-29 ta’ Novembru 2014, l-imputat, fuq ammissjoni tieghu stess, gie misjub hati talli fit-28 ta’ Novembru 2014 ghall-habta ta’ 21:45hrs minn Triq San Gorg, Paceville, ikkommeta serq ta’ handbag, liema ammont jeccedi €232.94 izda ma jeccedix €2,329.37 a detriment ta’ Christine Calleja, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u bil-hin, u gie ikkundannat ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin a tenur ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li *meta persuna tinstab hatja ta’ reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza, u jew tkun hekk instabet hatja minn jew quddiem qorti kompetenti skont l-artikolu 28C li tittratta maghha a rigward tas-sentenza sospiza, jew sussegwentement tidher jew tingieb quddiem dik il-qorti, f’dak il-kaz, hlief jekk is-sentenza tkun digà bdiet issehh,* ***dik il-qorti ghandha tordna li s-sentenza sospiza ghandha tibda issehh***[45].

Ghalkemm is-subartikolu (2) ta’ l-imsemmi Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li *jekk ir-reat l-iehor li jsir matul il-perijodu operattiv ikun wiehed ta’ natura involontarja jew jekk, fil-kaz ta’ xi xort’ ohra ta’ reat, il-qorti jkun jidhrilha, minhabba fic-cirkostanzi kollha maghdudin il-fatti ta’ dak ir-reat iehor, li ma tkunx haga gusta li taghmel ordni bis-sahha tas-subartikolu (1), hija tista’ tittratta mal-hati b’xi wiehed minn dawn il-metodi li gejjin – (a) tista’ tastjeni milli taghmel ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) u il-perijodu operattiv ghandu f’dak il-kaz jibqa’ fis-sehh; jew (b) tista’ b’ordni tibdel l-ordni originali maghmul bis-sahha ta’ l-artikolu 28A(1) billi minflok il-perijodu operattiv hemm specifikat taghmel perijodu li jkun jiskadi mhux iktar tard minn erba’ snin mid-data tal-bdil: Izda jekk il-qorti ma taghmilx ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) hija ghandha tiddikjara r-ragunijiet taghha ghaliex ma tkunx ghamlet dan*, il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami ma hemmx raguni valida a bazi ta’ liema ghandha tapplika dan is-subartikolu minflok is-subartikolu (1) ta’ l-imsemmi Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dana partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-imputat wettaq ir-reat meritu ta’ dawn il-proceduri u li tieghu qed jinstab hati ftit granet biss wara li inghatat l-imsemmija sentenza fil-konfront tieghu.

Ghalhekk a tenur ta’ l-Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandu jigi ordnat li s-sentenza sospiza pronuncjata fil-konfront ta’ l-imputat bis-sahha tad-decizjoni fl-ismijiet “Spettur Carol Fabri v. Mufta Walid Bin” deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Anthony G. Vella fid-29 ta’ Novembru 2014,

[44] Fol. 123 tal-process.
[45] Enfasi tal-Qorti.

tibda ssehh u b'hekk l-imputat jiskonta t-terminu ta' sitt xhur prigunerija hemm imposti fuqu.

Il-Prosekuzzjoni tikkontendi wkoll li l-imputat huwa recidiv u ghaldaqstant ghanda tittratta mieghu a tenur ta' dak provdut fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni tramite l-esebizzjoni tas-sentenza fl-ismijiet "Spettur Carol Fabri v. Mufta Walid Bin" deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Anthony G. Vella fid-29 ta' Novembru 2014 u ix-xhieda ta' l-Ispettur Carol Fabri, li kkonfermat li l-imputat huwa l-istess persuna fil-konfront ta' min inghatat l-imsemmija sentenza, irnexxielha tipprova sal-grad minnha rikjest mill-Ligi li l-imputat huwa recediv a tenur ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghandu japplika fil-konfront tieghu dak dispost fl-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-piena fil-kaz ta' recidiva f'serq.

Fin-Nota ta' Rinviju ta' l-Avukat Generali datata 27 ta' April 2015, il-Qorti intalbet tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputat. L-imsemmi Artikolu tal-Ligi jipprovdi li *meta l-kawza ssir mill-Pulizija ex officio, il-qorti ghandha meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew il-hatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghall-hlas, lir-registratur, ta' l-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk ta' l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal ta' l-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.*

Mill-atti jirrizulta li fil-kuntest ta' dawn il-proceduri u ghall-finijiet ta' l-istess gew nominati l-Avukat Dottor Martin Bajada bhala Espert Tekniku ghall-fini li janalizza l-filmati tas-CCTV cameras esebiti a fol. 59 tal-process u johrog l-istills relattivi li huma rilevanti ghall-kaz in ezami u Joseph Mallia bhala Espert ta' l-Impronti Digitali sabiex jiehu l-impronti digitali ta' l-imputat u jikkomparahom mal-lifters esebiti mar-Relazzjoni ta' PC 650 Justin Tabone[46]. Mir-Relazzjonijiet rispettivi taghhom jirrizulta li l-ispejjez relattivi ghall-inkarigu ta' l-Avukat Dottor Martin Bajada jammontaw ghal €421.58[47] u l-ispejjez relattivi ghall-inkarigu ta' Joseph Mallia jammontaw ghal €449.18[48]. B'hekk fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat ghandu jigi ordnat ihallas lir-Registratur is-somma komplessiva ta' €870.76.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat kif ukoll il-fatt li l-istess imputat ikkometta reat iehor ftit jiem biss wara li kien già instab hati ta' reat ta' serq u li ghalih kien inghata sentenza sospiza.

---

[46] Vide Digriet moghti fis-7 ta' Jannar 2015, fol. 63 u 64 tal-process.
[47] Relazzjoni a fol. 104 sa' 119 tal-process.
[48] Relazzjoni a fol. 126 sa' 133 tal-process.

Ghal dawn ir-ragunijiet u wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 31, 49, 261(a), (b), (c), (f), 262, 263, 267, 270, 276, 277 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza dedotta kontra l-imputat, qed issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel akkuza dedotta fil-konfront tieghu kif ukoll issibu hati li huwa recediv u ghalhekk tikkundannah ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 28(B)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tielet akkuza dedotta kontra tieghu u b’hekk tordna li is-sentenza sospiza pronuncjata fil-konfront ta’ l-imputat bis-sahha tad-decizjoni fl-ismijiet “Spettur Carol Fabri v. Mufta Walid Bin” deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Anthony G. Vella fid-29 ta’ Novembru 2014 tibda ssehh u b’hekk l-imputat jiskonta t-terminu ta’ sitt xhur prigunerija hemm imposti fuqu.

Ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 28B(4) u (5) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kopja ta’ din is-sentenza ghandha tigi komunikata lir-Registratur.

Ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li l-imputat ihallas lir-Registratur is-somma komplessiva ta’ €870.76, liema somma ghandha tithallas fi zmien tlett (3) wara li jiskonta l-perijodu ta’ prigunerija komplessiv impost fuq b’din is-sentenza.

Ai termini ta’ l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti infurmat lill-imputat bid-dritt tieghu li jinghata kopja tas-sentenza f’lingwa li jifhem, izda l-imputat iddikjara li huwa sodisfatt bit-traduzzjoni orali li nghatatlu tas-sentenza waqt is-seduta tal-lum.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------